



*Dokument ta' sessjoni*

B8-0186/2019 }  
B8-0187/2019 }  
B8-0190/2019 }  
B8-0191/2019 }  
B8-0193/2019 }  
B8-0194/2019 } RC1

13.3.2019

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B8-0186/2019 (Verts/ALE)

B8-0187/2019 (GUE/NGL)

B8-0190/2019 (ALDE)

B8-0191/2019 (S&D)

B8-0193/2019 (ECR)

B8-0194/2019 (PPE)

dwar l-Iran, partikolarment is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

(2019/2611(RSP))

**Roberta Metsola, Jaromír Štětina, Marijana Petir, Pavel Svoboda, Tunne Kelam, Milan Zver, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Eduard Kukan, Elisabetta Gardini, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Cristian Dan Preda, Patricija Šulin, Tomáš Zdechovský, Adam Szejnfeld, Csaba Sógor, Jarosław Wałęsa, Andrzej Grzyb, Michael Gahler, Elmar Brok, Ivo Belet, Sandra Kalniete, Dubravka Šuica, Andrey Kovatchev, Francis Zammit Dimech, Seán Kelly, Ivana Maletić, Deirdre Clune, Laima Liucija Andrikienė, Inese Vaidere, László Tóké, Stanislav Polčák, Jiří Pospíšil, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra**

RC\1179592MT.docx

PE635.446v01-00 }  
PE635.447v01-00 }  
PE635.456v01-00 }  
PE635.451v01-00 }  
PE635.453v01-00 }  
PE635.454v01-00 } RC1

f'isem il-Grupp PPE

**Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post, Knut Fleckenstein, Wajid Khan**

f'isem il-Grupp S&D

**Raffaele Fitto, Karol Karski, Branislav Škripek, Ryszard Czarnecki, Monica Macovei, Jana Žitňanská, Ruža Tomašić, Anna Elżbieta Fotyga, Charles Tannock**

f'isem il-Grupp ECR

**Marietje Schaake, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Gérard Deprez, Marian Harkin, Ivan Jakovčić, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Carolina Punset, Jozo Radoš, Frédérique Ries, Robert Rochefort, Jasenko Selimovic, Pavel Telička, Johannes Cornelis van Baalen, Matthijs van Miltenburg, Hilde Vautmans, Mirja Vehkaperä**

f'isem il-Grupp ALDE

**Bodil Valero, Heidi Hautala, Barbara Lochbihler**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan, Marie-Christine Vergiat**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao, Isabella Adinolfi**

f'isem il-Grupp EFDD

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Iran, partikolarment is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2019/2611(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dawk tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar l-Iran, b'mod partikolari l-każ ta' Nasrin Sotoudeh<sup>1</sup>, u tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar l-istrateġija tal-UE rigward l-Iran wara l-ftehim nukleari<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran tal-4 ta' Frar 2019,
- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran tat-30 ta' Jannar 2019, u d-dikjarazzjoni tiegħu dwar l-Iran tad-29 ta' Novembru 2018,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Iran huwa firmatarju tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tal-President Iranjan dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Novembru 2018 minn esperti tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, bit-titolu "l-Iran irid iħares lid-difensuri tad-drittijiet tan-nisa",
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-piena tal-mewt, il-Linji Gwida tal-UE dwar it-tortura u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra, u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2018 li jestendi l-miżuri restrittivi tiegħu għal 12-il xahar ulterjuri b'reazzjoni għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kelliem għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tat-12 ta' Marzu 2019 dwar il-kundanna tal-avukatessa Iranjana tad-drittijiet tal-bniedem Nasrin Sotoudeh,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 135 (5) u 123 (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0525.

<sup>2</sup> ĠU C 215, 19.6.2018, p. 86.

- A. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-avukati u l-attivisti online fl-Iran għadhom qed jiffaċċjaw fastidju, arrest arbitrarju, detenzjoni u prosekuzzjoni għal xogħolhom; billi, f'dawn l-aħħar xhur, il-Ministeru tal-Intelligence Iranjan u forzi oħra wettqu ripressjoni severa fuq is-soċjetà ċivili;
- B. billi r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar l-istrategġija tal-UE rigward l-Iran wara l-ftehim nukleari tenfasizza l-importanza li jiġu rispettati l-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fil-kuntest tar-relazzjonijiet UE-Iran;
- C. billi l-avukatessa magħrufa tad-drittijiet tal-bniedem Nasrin Sotoudeh reċentement ġiet ikkundannata għal mill-inqas seba' snin ħabs; billi matul iż-żewġ proċessi ġie rrapportat li s-sentenza kkombinata tagħha tista' tkun itwal b'mod sinifikanti, għalkemm it-tul eżatt ta' kemm se tqatta' l-ħabs għadu mhux ċar; billi r-raġuni vera għall-priġunerija tagħha tidher li kienet id-difiża paċifika tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran; billi l-proċessi tagħha ma sarux skont standards internazzjonali bażiċi ta' proċess ġust;
- D. billi Reza Khandan, ir-raġel ta' Nasrin Sotoudeh, kien miżmum f'detenzjoni b'konnessjoni mas-sostenn tiegħu ta' nisa li għamlu kampanja paċifika kontra l-fatt li kienu mġiegħla jilbsu l-hijab u favur ir-rilaxx ta' martu mill-ħabs; billi f'Jannar 2019, il-Qorti Rivoluzzjonarja f'Tehran ikkundannatu għal sitt snin ħabs;
- E. billi l-attivisti ambjentali Taher Ghadirian, Niloufar Bayani, Amirhossein Khaleghi, Houman Jekar, Sam Rajabi, Sepideh Kashani, Abdolreza Kouhpayeh u Morad Tahbaz, li kienu qed jirrappreżentaw lill-Persian Wildlife Heritage Foundation, ġew arrestati matul il-perjodu ta' Jannar u Frar 2018, ġew miżmuma mingħajr aċċess għal avukat, u ffaċċjaw proċess matul dawn l-aħħar ġimgħat fi proċedimenti li ma laħqux l-istandards ta' proċess ġust; billi membru ieħor tal-grupp, il-professur universitarju tal-università Iranjan-Kanadiż Kavous Seyed-Emami, miet f'kustodja s-sena li għaddiet f'ċirkostanzi misterjużi;
- F. billi l-attivisti tat-trade unions Esmaeil Bakhshi, Sepideh Gholian u Mohammad Habibi ġew arrestati fl-2018 u fl-2019 wara li mexxew protesti favur id-drittijiet tal-ħaddiema u tal-ġhalliema; billi d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem, Maryam Akbari Monfared, ġiet ikkundannata għal 15-il sena ħabs fl-2010 għall-hekk imsejħa 'mibegħda kontra Alla' u ġiet miċħuda kura medika waqt li kien qed tbatu minn mard varju;
- G. billi l-attivisti Arash Sadeghi, Narges Mohammadi u Farhad Meysami kollha rċevew sentenzi twal ta' priġunerija għall-kampanji tagħhom dwar id-drittijiet tan-nisa, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u d-drittijiet tal-bniedem;
- H. billi l-qrati Iranjani jonqsu regolarment milli jipprovdu proċessi ġusti, u jużaw konfessjonijiet miksuba permezz tat-tortura bħala evidenza fil-qorti; billi l-awtoritajiet qed ikomplu jikkriminalizzaw l-attiviżmu tad-drittijiet tal-bniedem u jużaw l-Artikolu 48 tal-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali Iranjana biex jirrestrinġu l-aċċess tad-detenu ti għal avukat; billi m'hemm l-ebda mekkaniżmu indipendenti biex tiġi żgurata r-responsabbiltà fi ħdan il-ġudikatura;

- I. billi l-prattika kontinwa ta' arresti ta' ċittadini doppji tal-UE u Iranjani, inkluż il-Britannika Iranjana Nazanin Zaghari-Ratcliffe, hija segwita minn iżolament fit-tul u interrogazzjonijiet, nuqqas ta' proċess ġust, u sentenzi twal ta' ħabs ibbażati fuq akkużi vagi jew mhux speċifikati ta' "sigurtà nazzjonali" u "spjunaġġ", kif ukoll kampanji ta' malafama sponsorjati mill-Istat kontra l-individwi li jinsabu l-ħabs;
- J. billi ġew irrappurtati diversi każijiet ta' kundizzjonijiet inumani u degradanti fil-ħabsijiet u nuqqas ta' aċċess adegwat għall-kura medika matul id-detenzjoni fl-Iran, bi ksur tar-Regoli Minimi Standard tan-NU għat-Trattament tal-Priġunieri;
- K. billi hu stmat li l-Iran wettaq eżekuzzjonijiet ta' 273 persuna fl-2018, it-tieni l-akbar numru fid-dinja għal dik is-sena, skont rapport mill-NGO Iran Human Rights;
- L. billi fl-2018 eluf ta' persuni organizzaw dimostrazzjonijiet paċifiċi u strikes bi protesta kontra pagi mhux imħallsa, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, korruzzjoni, ripressjoni politika u ilmenti oħra; billi l-awtoritajiet arrestaw mijiet minnhom, u ħafna minnhom irċewew sentenzi ta' ħabs twil u swat;
- M. billi l-ġudikatura Iranjana tkompli trażżan l-atti ta' reżistenza paċifika min-naħa tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa li kienu qed jipprotestaw kontra l-użu obligatorju tal-hijab; billi fl-2018 mill-inqas 39 mara kienu arrestati b'konnessjoni mal-protesti u 55 oħra ġew detenuti għax-xogħol tagħhom b'rabta mad-drittijiet tan-nisa;
- N. billi l-libertà tal-istampa, kemm online kif ukoll offline, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-ħsieb huma mrażżna fl-Iran;
- O. billi l-awtoritajiet Iranjani sistematikament immiraw lill-ġurnalisti, inklużi dawk li jaħdmu għas-servizz Persjan tal-BBC, u lill-familji tagħhom, permezz tal-użu ta' investigazzjonijiet kriminali, l-iffriżar tal-assi, l-arrest arbitrarju, id-detenzjoni, is-sorveljanza, il-fastidju, u billi jxerrdu informazzjoni falza, malizzjuża u diffamatorja; billi tal-anqas tmien ġurnalisti bħalissa jinsabu f'detenzjoni fl-Iran;
- P. billi l-President Iranjan Hassan Rouhani nieda Karta dwar id-Drittijiet ta' Ċittadini f'Diċembru 2016; billi din il-karta mhijiex legalment vinkolanti;
- Q. billi membri ta' minoranzi reliġjużi u etniċi, inklużi membri ta' twemmin Baha' i u l-komunitajiet tal-Ażerbajġani, Kurdi, Għarab u Baluch, Musulmani Sunniti, Kristjani u dawk li m'għandhomx twemmin, jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-impjieg, l-edukazzjoni, il-libertà tal-qima' u l-attivitajiet politiċi fl-Iran;
- I. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, il-priġunieri ta' kuxjenza u l-ġurnalisti detenuti u kkundannati sempliċiment għaliex eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni u tal-assemblea paċifika; jenfasizza li l-awtoritajiet Iranjani għandhom fiċ-ċirkostanzi kollha jiżguraw li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati u l-ġurnalisti jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom ħielsa minn theddid, intimidazzjoni u impediment;

2. Itenni t-talba tiegħu lill-Gvern tal-Iran biex jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lir-rebbieħa tal-Premju Sakharov Nasrin Sotoudeh, u jfaħħar il-kuraġġ u l-impenn tagħha favur id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa fl-Iran; iqis il-proċess u s-sentenza inġusti għall-aħħar ta' Nasrin Sotoudeh bħala nuqqas gravi ta' ġustizzja u jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-SEAE tat-12 ta' Marzu 2019 dwar din il-kwistjoni;
3. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jemendaw l-Artikolu 48 tal-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali tal-pajjiż biex jiżguraw li l-konvenuti kollha jkollhom id-dritt li jkunu rappreżentati minn avukat tal-għażla tagħhom u għal proċess ġust skont l-impenji tal-Iran taħt il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi;
4. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw is-sikurezza u l-benessri tad-detenuti kollha, inkluż l-aċċess għal kura medika adegwata; jitlob ukoll li ssir investigazzjoni indipendenti dwar il-mewt ta' Kavous Seyed-Emami, u dwar allegazzjonijiet ta' tortura ta' attivisti oħra f'detenzjoni, u jikkundanna l-prattika tar-rifjut deliberat ta' kura medika lill-priġunieri poliċi;
5. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, iwaqqfu s-sorveljanza, l-arrest, il-fastidju u l-prosekuzzjoni ta' ġurnalisti, attivisti online u l-familji tagħhom, u biex itemmu ċ-ċensura online, u jitlob li jinħolqu kundizzjonijiet li jittolleraw il-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-midja, kemm online kif ukoll offline;
6. Jistieden lill-Gvern tal-Iran jikkoopera mar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, inkluż billi jippermettilu jidħol fil-pajjiż;
7. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jqajmu l-każijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem arrestati mal-kontropartijiet Iranjani tagħhom, u matul il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ġinevra;
8. Jistieden lis-SEAE jkompli jinkludi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Iran; jistieden ukoll lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tafferma mill-ġdid pubblikament li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa komponent ewlieni għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran;
9. Ihegġegħ lill-VP/RGħ u lill-Kunsill jesploraw il-possibbiltà li jiġi stabbilit djalogu formali dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Iran f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi;
10. Ihegġegħ lill-uffiċjali tal-UE jitolbu lill-awtoritajiet Iranjani biex jiggarrantixxu s-sikurezza u l-benessri tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem f'detenzjoni u jwettqu investigazzjonijiet sħaħ dwar rapporti ta' tortura;
11. Ihegġegħ lill-Istati Membri kollha bi preżenza diplomatika f'Tehran jużaw il-mekkaniżmi previsti fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jappoġġaw u jipproteġu lil dawn l-individwi, inklużi dikjarazzjonijiet pubbliċi, proċeduri diplomatiċi, monitoraġġ tal-proċessi u żjarat fil-ħabs;

12. Iħeġġeġ lill-Iran ma jibqax jikkriminalizza l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, inklużi dawk li jipprotestaw b'mod paċifiku kontra l-ilbies obbligatorju tal-hijab, u jitlob li din il-prattika diskriminatorja u umiljanti tiġi abolita;
13. Jistieden lill-Gvern tal-Iran jipproteġi d-drittijiet tal-persuni kollha li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi, u jindirizza l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom;
14. Jilqa' l-emendi għal-liġi dwar it-traffikar tad-drogi, li naqqsu l-impożizzjoni tal-piena kapitali, u jitlob li ssir reviżjoni tas-sentenzi kollha għall-mewt sabiex jiġi żgurat li l-proċessi rilevanti twettqu skont l-istandards internazzjonali; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jintroduċu moratorju immedjat fuq l-użu tal-piena tal-mewt, bħala pass lejn l-abolizzjoni tagħha;
15. Jirrakkomanda li tintbagħat fl-Iran delegazzjoni *ad hoc* mis-Sottokomitat għad-Drittijiet tal-Bniedem qabel tmiem il-mandat attwali sabiex iżżur lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu l-ħabs u torganizza l-laqgħat meħtieġa mal-awtoritajiet Iranjani;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, lill-President tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran u lill-Membri tal-Majlis Iranjan.